## Praga

Għal dellijietek
Moħbija bid-dmugħ,
Nismagħha tokrob
Lill-imsejkna ruħ.

Forsi tittama
Li ssib ftit mistrieħ,
Xejn ma jhennieha
Tibqa' bir bla qiegħ.

Ħitanek għolja
Bajda bla ħajja,
Int bajdanija
Int kollok tbajja'.

Aljenazzjoni
Ħajja mitlufa,
Tpespes dik il-qalb
Li ġiet minfuda.

'Mma fejn hu għerfek
Belt hekk imlelxa,
fejn mortli tiġri
Mħabbtek imgerrfxa?

Għadek wisq tfittex
Mingħajr ma ssib xejn?
L-għaliex qiegħda tfuħ
Qisek bla għajnejn?

Ibnek jgħallimni:
Li jiena misjub,
Mhux meta ngħarrex
Naħseb li minn fuq.

'mma meta waħdi
Mitluq f'idejn kbar,
Xi darba nasal
Għax magħdud maż-żgħar.

Franġisku ħabbek
Kjara ħasbet fik,
Bnietek iżżewġu
'l-faqar wisq antik.

Triqatek jgħajtu
Għal għaqda tassew,

Tal-aħwa Nsara
Għal Kristu batew.

Aħdem għall-paċi
Għal vera ħelsien,
Li jġib imħabba
U l-hena bla tmiem.

Ħa mmut biswitek
O Belt sabiħa,
Inżel fl-Imħabba
Ħajtek tkun sħiħa.

Għax b'hekk titfejjaq
Mid-dwejjaq tiegħek,
Inti biss ftakar
Kristu hu miegħek.

Sbuħitu tlibbsek
Int ma tixjieħ qatt,
Praga ta' qalbi
Ma nibdlek ma' ħadd.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' April 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.